**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera**

# Laqgħa Nru. 60/2016

Data: 10 ta' Novembru 2016

Ħin: 6.30 pm

Post: Ufficcju Amministrattiv Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera

---

| | | | |
|---|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Falzon | – | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| Assenti: | Ħadd | | |

---

## AĠENDA

### 1. Talba

Is-Sindku nforma lill-Membri li s-Sur Carabott huwa skużat peress li huwa msiefer filwaqt li is-Sur Gianluca Falzon jinsab indispost minħabba impenji oħra.

### 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il-Minuti tal-59 Laqgħa ttieħdu bħala moqrija

### 2.1 Korrezzjoni tal-Minuti tal-58 Laqgħa.

2.1.1 Preżenti: jitneħħew mill-lista ta' min kien preżenti s-Sur Horace Anastasi u s-Sur Darren Carabott minħabba li dakinhar kienu skużati.

2.1.2 Minuta 3.1 titneħħa l-kelma "tagħalaq" u ssir "tagħlaq" u jofrrieh" u ssir "joffrieh".

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku:

2.1.3 Minuta 3.8 titneħħa l-kelma "nofrma" u ssir "nforma".

2.1.4 Minuta 4.4 titneħħa l-kelma "għażagħ" u ssir "żgħażagħ"

2.1.4 Minuta 7(d) titneħħa l-kelma "ijkun" u ssir "jkun" u "tresponsabbli" u ssir "responsabbli"

Il-minuti ġew approvati wara li ġew ikkoreġuti

## 3. Affarijiet li jitqajmu mill-Minuti

3.1 Minuta 3.3 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill għadu ma irċeviex ~~l-ebda~~ spjegazzjoni mingħand il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ dwar id-diskepanza li kien hemm bejn l-ewwel u t-tieni kwotazzjoni. Is-Sindku talab sabiex ikollna spjega mingħand l-Aġenzija Żgħażagh dwar dan.

3.2 Minuta 3.4 - Is-Sindku fakkar lill-membri tal-Kunsill lif'dik il-gimgha kienet qed tinghata t-titqiba tal-influwenza fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. Is-Sindku f'isem il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Alfred Attard tal-għajnuna volontarja tiegħu.

3.3 Minuta 3.7 - Is-Sindku nforma lill-Membri li kollox huwa preparat għall-attivita' b'risq l-ALS fejn din l-attivita ser issir ġewwa il-Kulleġġ ta' Saint Elias is-Sibt 19 ta' Novembru, 2016. Is-Sindku qal li l-biljetti jistgħu jinġabru mill-Kunsill.

3.4 Minuta 3.8 – Is-Sindku nforma lill-Membri li dwar il-permess PA4885/15 saret laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti fejn fl-istess laqgha l-avukat tal-Kunsill Dott. Joe Sammut spjega lir-residenti li dan il-permess ilu fis-seħħ sa mis-sena 1999 u l-applikazzjoni saret sabiex l-istess permess ikun imġedded għall-ħames (5) snin li ġejjin. Is-Sindku kompla billi qal li ġie suġġerit sabiex isir protest ġudizzjarju.

Għaldaqstant, is-Sindku ppropona sabiex isir dan il-protest ġudizzjarju fejn s-Sur Horace Anastasi ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-Membri tal-Kunsill qablu unanimament.

3.5 Minuta 4.4 – Kien hemm qbil sabiex flimkien mal-Parroċċa jiġi organizzat il-Presepju Ħaj bl-ispejjeż jinkludu l-flyers u l-PA System. Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament dwar dan.

3.6 Minuta 7(d) – Is-Sindku nforma lill-membri li Banda Santa Venera bagħtet kwotazzjoni ta' €1,000 u dan sabiex jindaqqu marċi relatati mal-festi tal-Milied. Din l-attivita ser issir fit-22 ta' Diċembru 2016. Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament dwar dan.

3.7 Minuta 9.3 – Is-Sindku staqsa lis-Segretarju jekk kienx hemm żviluppi dwar dan is-suġġett, fejn is-Segretarju wieġeb fin-negattiv.

F'dan l-istadju (fis-7.10pm) is-Sindku talab is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss punt 7 (a) Budget 2017.

Il-Membri qablu unanimament

## 7(a) Baġit 2017

Is-Sur Chris Farrugia spjega il-baġit (draft) għas-sena 2017. Is-Sindku nforma lis-Sur Farrugia dwar xi emendi fl-allokazzjoni tal-baġit u għalhekk qal li dan għandu jkun draft minħabba li l-Gvern Centrali ħa l-inizzjattiva u żied l-allokazzjoni lill-Kunsilli Lokali. Aktar dettalji ser jingħataw fil-laqgħa li jmiss.

Ma kienx hemm oġġezzjonijiet jew astenzjonijiet u kien hemm qbil unanimu fuq draft baġit

Fis-7.30 ta' filgħaxija s-Sur Christian Farrugia ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa

## 4. Korrispondenza

4.1 Is-Sindku nforma lill-membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sinjura Frendo sabiex jitpoġġew kennels għall-qtates fi Triq it-Turretta, fil-ħamrija biswit il-Klabb tal-Boċċi. Wara diskussjoni l-Membri tal-Kunsill qablu ma' din it-talba iżda d-deċiżjoni kienet li l-ewwel niehdu parir mingħand il-Perit tal-Kunsill sabiex naraw jekk hemmx bżonn ikollna l-peremssi neċessarji mill-Awtorita tal-Ippjanar.

Il-Membri qablu unanimament.

4.2 Is-Sindku nforma lill-membri dwar talba mingħand is-Sur Schranz u s-Sur Cachia Zammit sabiex isiru laqgħat fil-bini tal-Kunsill dwar "Survival Skills". Il-Membri qablu sabiex dawn il-laqgħat ikunu b'xejn għar-residenti Vendriżi. Is-Sindku issuġġerixxa sabiex dawn il-laqghat li huma mifruxa fuq darba fil-ġimgħa għal sitt ġimgħat konsekuttivi jsiru kull nhar ta' Erbgħa mis-7.30pm sad-9.00pm.

Il-Membri qablu unanimament.

## 5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni

Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew ikkoreġuti.

## 6. Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 111 sa lment numru 161.

| | |
|---|---|
| 111 | L-iżbir irid jerġa jsir mill-ġardinar |
| 112 | Ma tistax issir minħabba regolamenti ta' TM |
| 113 | Transport Malta |
| 114 | Azzjoni ttieħdet |
| 115 | Central Asphalt |
| 116 | Azzjoni ttieħdet |

| | |
|---|---|
| 117 | Azzjoni ttieħdet |
| 118 | Ma tistax issir minħabba regolamenti ta' TM |
| 119 | Approvata sabiex issir mill-ħaddiem assenjat |
| 120 | Ħaddiema Assenjati u x-xogħol irid isir tul it-triq kollha |
| 121 | Work Order |
| 122 | M'hemmx fejn issir |
| 123 | Central Asphalt |
| 124 | Ninfurmaw Kunsill Lokali B'Kara |
| 125 | Azzjoni ttieħdet |
| 126 | Contract Manager |
| 127 | Grima & Sons Ltd |
| 128 | Work Order |
| 129 | Ma tistax issir minħabba policies ta' TM |
| 130 | Ħaddiema Assenjati |
| 131 | Pest Control |
| 132 | Ġardinar |
| 133 | Ninfurmaw lill-Pulizija u l-Wardens |
| 134 | Tinġieb aktar kjarifika rigward l-ilment |
| 135 | B Grima & Sons |
| 136 | Contract Manager |
| 137 | Contract Manager |
| 138 | Ħaddiema Assenjati u x-xogħol irid isir tul it-triq kollha |
| 139 | Azzjoni ttieħdet |
| 140 | Ħaddiema Assenjati |
| 141 | Trid issir applikazzjoni kull darba |
| 142 | TM |
| 143 | B Grima & Sons |
| 144 | Contract Manager |
| 145 | Kunsill Lokali B'Kara |
| 146 | TM |
| 147 | Ħaddiema Assenjati |
| 148 | Azzjoni ttieħdet |
| 149 | Mario Mallia temporanjament u jitqabbad Inġinier biex tkun evalwata l-ħsara |
| 150 | Azzjoni ttieħdet |
| 151 | Azzjoni ittieħdet |
| 152 | Grima & Sons |
| 153 | B Grima & Sons |
| 154 | Korrispondenza numru 4.1 |
| 155 | Logo grafix |
| 156 | Grima & Sons |
| 157 | Grima & Sons |
| 158 | Joint Office |
| 159 | Contract Manager |
| 160 | Contract Manager |
| 161 | Ħaddiema Assenjati |

## 7. Ordnijiet tal-ġurnata

### 7(b) Tender Ġbir tal-Iskart – SVLC/T/04/2016

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jaqra r-rapport ta' rakkomandazzjoni dwar it-Tender tal-Ġbir tal-Iskart. Is-Segretarju nforma lill-Membri li b'kollox ġew sottomessi ħames offerenti li huma WM Environmental Ltd, Galea Cleaning, Saviour Mifsud, Waste Collection u Carmel Cassar bis-sistema tal-EPPS. Wara li l-offerenti kollha kienu evalwati rriżulta li offerenti kellhom il-kriterji kollha mitluba u għaldaqstant il-Bord tal-Aġġudikazzjoni mar fuq l-irħas offerta li kienet dik ta' WM Environmental Ltd li tammonta €72,496.32 fis-sena.

Is-Sindku ppropona dan ir-rapport filwaqt li is-Sur Horace Anastasi ssekonda lis-Sindku u l-Membri kollha preżenti (6) ivvutaw favur din il-proposta.

**7(c) Tender: Accountant**

Is-Sindku nforma lill-Membri li dan it-tender ser ikun aġġudikat aktar 'l quddiem fejn ir-rakkomandazzjoni ser tittella' fil-61 Laqgħa tal-Kunsill.

Il-Membri qablu unanimament.

## 8 Minuti ta' Kumitati/Sotto Kumitati;

8.1 Is-Sur Silvio Vella pprezenta l-Minuti tas-sotto Kumitat

## 9 Kommunikazzjoni mis-Sindku

9.1 Is-Sindku nforma lill-Membri lis-Sinjorina Sharon Mifsud bagħtet ir-rizejna tagħha mill-Kunsill minħabba li ser tibda xogħol ieħor fil-Kunsill taż-Żurrieq fejn ser tmur toqgħod . Is-sindku nforma lill-Membri li ser toħroġ sejħa għall-ingaġġ ta' skrivan/a.

Il-Membri qablu unanimament

9.2 Is-Sindku nforma lill-membri li minħabba l-fatt li l-karozzi qed jiġu ipparkjati ħażin taħt il-mini tal-Akkwadott tant li qed ikunu ta' inkonvenjent ghar-residenti li jkunu jridu jghaddu minn hemm, is-Sindku ssuġġerixxa sabiex isiru bollards tal-plastic taħt kull mina (minbarra ovvjament fejn ikun hemm garaxxijiet / stores) sabiex is-sewwieqa jkunu jafu sa fejn jistghu jidħlu biex jipparkjaw il-vetturi tagħhom. Is-Sindku talab lis-Segretarju sabiex igib il-kwotazzjonijiet meħtieġa.

Il-Membri qablu unanimament

9.3 Is-Sindku nofrma lill-Membri tal-Kunsill li irċieva talba mingħand il-ħaddiema tal-Kunsill sabiex iġeddu il-Vacation Leave mis-sena 2016 għas-sena 2017 skont kif titlob il-liġi.

Il-Membri qablu unanimament

9.4 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li ircieva kommunikazzjoni mingħand is-Sur Sean Fitz sabiex issir ftehim mal-Kumpanija tiegħu sabiex ikunu provduti U-Bars bir-riklam madwar Santa Venera għas-spejjeż tiegħu. Apparti minnhekk skont il-byelaw

il-Kunsill jibda jdaħħal ammont sostanzjali ta' flus minghand il-kuntrattur skont l-ammont ta' reklami li jkun hemm fuq l-imsemmija U-Bars. Wara diskussjoni is-Sindku u l-Membri tal-Kunsill qablu ma din il-proposta pero jixtiequ li l-ewwel ikun pprovdut l-imsemmi ftehim sabiex ikun analizzat u ttiehed deċizjoni aħħarija matul il-laqgħa li jmiss.

Il-Membri qablu unanimament

## 10. Aġġornament

10.1 Il-Laqgħa tal-Kunsill ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 5 ta' Diċembru, 2016 fil-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

10.2 Il-laqgħa ntemmet fit-8.50 ta' filgħaxija.

***Stephen Sultana***
*Sindku*

***Michael Mifsud***
*Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 5/12/2016